Nru. 17,552
Prezz Lm1.12c
Price Lm1.12c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 16 ta' Marzu, 2004
Tuesday, 16th March, 2004

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

ANNO DOMINI 2004 NRU. V ANNO DOMINI 2004 NO. V

Proklama

MILL-AĠENT PRESIDENT
(L.S.) TA' MALTA

(Iff.) GEORGE HYZLER
Aġent President

BILLI huwa pprovdut bl-artikolu 49 tal-Kostituzzjoni ta' Malta illi kull meta d-detentur tal-kariga ta' President ikun assenti minn Malta l-funzjonijiet mogħtija lilu bl-imsemmija Kostituzzjoni għandhom jiġu moqdija minn dik il-persuna li l-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kap ta' l-Oppożizzjoni, jista' jaħtar;

U BILLI l-President huwa assenti minn Malta;

U BILLI fit-13 ta' Marzu, 2004, il-Prim Ministru ħatarni Aġent President għal matul iż-żmien li fih il-President ikun assenti minn Malta;

U BILLI jiena ħadt u ffirmajt kif imiss il-ġurament tal-kariga kif preskritt bl-artikolu 50 ta' l-imsemmija Kostituzzjoni;

ISSA, GĦALHEKK, JIENA, GEORGE HYZLER, K.O.M., TABIB, qiegħed hawnhekk navża u nipproklama li assumejt illum skond l-imsemmija Kostituzzjoni l-funzjonijiet ta' President ta' Malta.

Magħmula fil-Palazz, Valletta, illum, 13 ta' Marzu, 2004.

B'Awtorità.

(Iff.) EDDIE FENECH ADAMI
Prim Ministru

Proclamation

BY THE ACTING PRESIDENT
(L.S.) OF MALTA

(Sd.) GEORGE HYZLER
Acting President

WHEREAS it is provided by section 49 of the Constitution of Malta that whenever the holder of the office of President is absent from Malta the functions conferred upon him by the said Constitution shall be performed by such person as the Prime Minister, after consultation with the Leader of the Opposition, may appoint;

AND WHEREAS the President is absent from Malta;

AND WHEREAS on the 13th day of March, 2004, the Prime Minister appointed me Acting President for such time as the President is absent from Malta;

AND WHEREAS I have duly taken and subscribed the oath of office as prescribed by section 50 of the said Constitution;

NOW, THEREFORE, I, GEORGE HYZLER, K.O.M., DOCTOR OF MEDICINE, do hereby notify and proclaim that I have this day under the said Constitution assumed the functions of President of Malta.

Made at the Palace, Valletta, this 13th day of March, 2004.

By Authority.

(Sd.) EDDIE FENECH ADAMI
Prime Minister

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 279

IL-PRESIDENT TA' MALTA JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta rritorna Malta fil-15 ta' Marzu, 2004, u reġa' daħal għall-qadi tad-dmirijiet tal-kariga tiegħu ta' President.

Dott. George Hyzler ma baqax jaqdi l-funzjonijiet ta' President mal-wasla lura f'Malta tal-President.

Is-16 ta' Marzu, 2004

GOVERNMENT NOTICES

No. 279

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRESIDENT OF MALTA

IT is notified for general information that the President of Malta returned to Malta on the 15th March, 2004, and has resumed the functions of the Office of The President.

Dr George Hyzler has ceased to perform the functions of President from the time of the President's arrival in Malta.

16th March, 200

Nru. 280

IL-PRIM MINISTRU JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Eddie Fenech Adami, K.U.O.M., B.A., LL.D., M.P., reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru nhar is-Sibt, it-13 ta' Marzu, 2004 u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 270 tal-11 ta' Marzu, 2004 ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

It-13 ta' Marzu, 2004
(OPM 12/2004)

No. 280

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER

IT is notified for general information that the Hon. Eddie Fenech Adami, K.U.O.M., B.A., LL.D., M.P., resumed the duties as Prime Minister on Saturday, 13th March, 2004 and that the arrangements made by Government Notice No. 270 of the 11th March, 2004, ceased to have effect accordingly.

13th March, 2004

Nru. 281

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru. 23 imsejjaħ l-Att ta' l-2004 dwar il-Professjoni tal-Psikoloġija.

Is-16 ta' Marzu, 2004

No. 281

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 23 entitled the Psychology Profession Act, 2004.

16th March, 2004

Nru. 282

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 17,549 u 17,551 tad-9 u 12 ta' Marzu, 2004, rispettivament.

A.L. Nru. 115 ta' l-2004: Att ta' l-2001 dwar il-Kontroll tal-Pestiċidi (Att Nru. XI ta' l-2001); Regolamenti ta' l-2004 dwar Prodotti għall-Ħarsien tal-Pjanti.

A.L. Nru. 116 ta' l-2004: Att ta' l-2002 dwar is-Sigurtà fl-Ikel (Att Nru. XIV ta' l-2002); Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kwalità ta' Ilma maħsub għall-Konsum mill-Bniedem.

A.L. Nru. 117 ta' l-2004: Att ta' l-2003 dwar l-Unjoni Ewropea (Att Nru. V ta' l-2003); Ordni ta' l-2004 dwar is-Sospensjoni ta' Ċertu Provvedimenti fir-rigward tal-Parlament Ewropew.

A.L. Nru. 118 ta' l-2004: Att ta' l-2001 dwar is-Servizzi Veterinarji (Att Nru. XXIII ta' l-2001); Regolamenti ta' l-2004 dwar il-Ħtiġijiet għall-Produzzjoni u t-Tqegħid fis-Suq ta' Kapuljat u Preparazzjonijiet tal-Laħam.

A.L. Nru. 119 ta' l-2004: Att ta' l-2001 dwar is-Servizzi Veterinarji (Att Nru. XXIII ta' l-2001); Regolamenti ta' l-2004 dwar Problemi ta' Saħħa li jolqtu il-Produzzjoni u t-Tqegħid fis-Suq ta' Prodotti tal-Laħam u Ċerta Prodotti Oħra ta' Oriġini mill-Annimali.

A.L. Nru. 120 ta' l-2004: Att ta' l-2001 dwar is-Servizzi Veterinarji (Att Nru. XXIII ta' l-2001); Regolamenti ta' l-2004 dwar Laħam Frisk (Annimali Bovini, Majjali, Nagħaġ, Mogħoż u Solipedi Domestiċi) għall-Konsum Uman.

A.L. Nru. 121 ta' l-2004: *Plant Quarantine Act, 2001 (Act No. XVIII of 2001); Control of Potato Wart Disease Regulations, 2004*.

No. 282

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 17,549 and 17,551 of the 9th and 12th March, 2004, respectively.

L.N. No. 115 of 2004: Pesticides Control Act 2001 (Act No. XI of 2001); Plant Protection Products Regulations, 2004.

L.N. No. 116 of 2004: Food Safety Act, 2002 (Act No. XIV of 2002); Quality of Water Intended for Human Consumption (Amendment) Regulations, 2004.

L.N. No. 117 of 2004: European Union Act, 2003 (Act No. V of 2003); The European Parliament (Suspension of Certain Provisions) Order, 2004.

L.N. No. 118 of 2004: Veterinary Services Act, 2001 (Act No. XXIII of 2001); Requirements for the Production and Placing on the Market of Minced Meat and Meat Preparations Regulations, 2004.

L.N. No. 119 of 2004: Veterinary Services Act, 2001 (Act No. XXIII of 2001); Health Problems Affecting the Production and Marketing of Meat Products and Certain other Products of Animal Origin Regulations, 2004.

L.N. No. 120 of 2004: Veterinary Services Act, 2001 (Act No. XXIII of 2001); Fresh Meat (Bovine, Swine, Sheep, Goats and Domestic Solipeds) for Human Consumption Regulations, 2004.

L.N. No. 121 of 2004: Plant Quarantine Act, 2001 (Act No. XVIII of 2001); Control of Potato Wart Disease Regulations, 2004.

A.L. Nru. 122 ta' l-2004: *Plant Quarantine Act, 2001 (Act No. XVIII of 2001); Control of San Josè Scale Regulations, 2004*.

A.L. Nru. 123 ta' l-2004: Att dwar il-Karti ta' l-Identità (Kap. 258); Avviż dwar id-*Data* ta' Skadenza ta' Ċerti Karti ta' l-Identità.

A.L. Nru. 124 ta' l-2004: *Civil Aviation Act (Cap. 232); Air Navigation (Amendment) Order, 2004*.

A.L. Nru. 125 ta' l-2004: Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data* (Kap. 440); Regolamenti ta' l-2004 dwar l-Ipproċessar ta' *Data* Personali dwar Minuri.

A.L. Nru. 126 ta' l-2004: Att dwar l-Għajnuna Finanzjarja lill-Industriji tal-Biedja u tas-Sajd (Kap. 146); Regolamenti ta' l-2004 dwar l-Aġenzija ta' Pagamenti, 2004.

Is-16 ta' Marzu, 2004

L.N. No. 122 of 2004: Plant Quarantine Act, 2001 (Act No. XVIII of 2001); Control of San Josè Scale Regulations, 2004.

L.N. No. 123 of 2004: Identity Card Act (Cap. 258); Notice about Expirty Date of Certain Identity Cards.

L.N. No. 124 of 2004: Civil Aviation Act (Cap. 232); Air Navigation (Amendment) Order, 2004.

L.N. No. 125 of 2004: Data Protection Act (Cap. 440); Processing of Personal Data (Protection of Minors) Regulations, 2004.

L.N. No. 126 of 2004: Agriculture and Fisheries Industries (Financial Assistance) Act, (Cap. 146); Paying Agency Regulations, 2004.

16th March, 2004

Nru. 283

MINISTERU TA' L-EDUKAZZJONI

Nomina ta' Membri tal-Kummissjoni Nazzjonali dwar il-UNESCO

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Kummissjoni Nazzjonali Maltija dwar il-UNESCO ġiet maħtura kif ġej għal żmien ta' sentejn mill-24 ta' Jannar 2004:

Chairman
Il-Prof. Charles Farrugia

Deputat Chairman
Is-Sur Giovanni Miceli

Membri
Ms Hella Jean Bartolo
Is-Sur Philip Borg
Dott. James Calleja
Is-Sur Jesmond Xuereb
Ms Maria Cilia

No. 283

MINISTRY OF EDUCATION

Appointment of Members of the Malta National Commission of UNESCO

IT is notified for general information that the Maltese National Commission for UNESCO has been appointed as hereunder, for a period of two years with effect from the 24th January 2004:

Chairman
Prof. Charles Farrugia

Deputy Chairman
Mr Giovanni Miceli

Members
Ms Hella Jean Bartolo
Mr Philip Borg
Dr James Calleja
Mr Jesmond Xuereb
Ms Maria Cilia

Dott. Vicki Ann Cremona
Is-Sur Anthony Pace
Ms Marlene Saliba
Is-Sur Reuben Grima

Segretarju
Is-Sur Albert V. Rutter

Is-16 ta' Marzu, 2004

Dr Vicki Ann Cremona
Mr Anthony Pace
Ms Marlene Saliba
Mr Reuben Grima

Secretary
Mr Albert V. Rutter

16th March, 2004

Nru. 284

MINISTERU GĦAT-TRASPORT U KOMUNIKAZZJONI

Tariffi għall-Użu ta' l-Ajruport ta' Ħal Luqa

SKOND ir-regolament 3. (1) tar-Regolamenti Ekonomiċi ta' l-Ajruport ta' l-2001, il-Bord Regolatorju tat-Tariffi Ajruportwali ddetermina illi t-tariffi għall-użu ta' l-Ajruport ta' Ħal Luqa u li huma msemmija hawn taħt għandhom jitħallsu lill-Ajruport Internazzjonali ta' Malta plc b'seħħ mill-1 ta' April, 2004.

No. 284

MINISTRY FOR TRANSPORT AND COMMUNICATIONS

Luqa Airport Charges

THE Airport Charges Regulatory Board in accordance with regulation 3. (1) of the Airport Economic Regulations, 2001 has determined that the under-mentioned charges for the use of Luqa Airport shall be payable to Malta International Airport plc with effect from the 1st April, 2004.

Tariffa Ajruportwali ***Airport Charge***	**Ammont (Lm)** ***Amount (Lm)***
Dritt ta' ħlas għal Servizz lill-Passiġġieri għal kull passiġġier li jitlaq iżda minbarra passiġġieri fi traġitt dirett u tfal taħt is-sentejn *Passenger Service Charge per departing passenger but excluding passengers in direct transit and infants under 2 years*	6.52 *6.52*
Tariffa ta' nżul għal Ajruplan b'piż massimu ta' tlugħ[1] li jeċċedi t-12,000 kg – Tariffa fissa (miżjuda mat-tariffa li tvarja msemmija hawn taħt) *Landing fee for an aeroplane with MTOW[1] exceeding 12,000 kg - Fixed Charge (plus the Variable Charge below)*	12.75 *12.75*
Tariffa ta' nżul għal Ajruplan b'piż massimu ta' tlugħ li jeċċedi t-12,000 kg – Tariffa li tvarja għal kull 500 kg jew parti minnhom iżjed minn 12,000 kg.	0.77

Landing fee for an aeroplane with MTOW exceeding 12,000 kg - Variable Charge per 500 kg or part thereof in excess if 12,000 kg	*0.77*
Tariffa ta' nżul għal Ajruplan b'piż massimu ta' tlugħ li ma jeċċedix it-12,000 kg – għal kull 500 kg jew parti minnhom.	0.55
Landing fee for an aeroplane with MTOW not exceeding 12,000 kg - per 500 kg or part thereof	*0.55*
Tariffa ta' parkeġġ għal Ajruplan b'piż massimu ta' tlugħ li jeċċedi l-2,500 kg – għal kull 10 m. kw. ta' spazju okkupat jew parti minnu għal kull 24 siegħa jew parti minnhom wara l-ewwel 6 sigħat fuq l-art.	0.04
Parking fee for an aeroplane with MTOW exceeding 2,500 kg - per 10 sq. m. of space occupied or part therof for every 24 hours or part thereof after the first 6 hours on the ground	*0.04*
Tariffa ta' parkeġġ għal Ajruplan b'piż massimu ta' tlugħ li ma jeċċedix l-2,500 kg – għal kull 24 siegħa jew parti minnhom wara l-ewwel 6 sigħat fuq l-art.	0.30
Parking fee for an aeroplane with MTOW not exceeding 2,500 kg - for every 24 hours or part thereof after the first 6 hours on the ground	*0.30*
Tariffa ta' sigurtà għal kull passiġġier li jitlaq iżda minbarra passiġġieri fi traġitt dirett u tfal taħt is-sentejn.	0.90
Security fee per departing passenger but excluding passengers in direct transit and infants under 2 years	*0.90*

i. *Helicopters* għandhom iħallsu 50% tat-tariffa ta' nżul għal ajruplan b'piż simili.

ii. F'każ ta' nżul u/jew tlugħ bil-lejl, it-tariffa ta' nżul tiżdied b'25%. Il-lejl għandu jitqies bħala l-perjodu bejn 2000 u 0500 ħin lokali mill-1 ta' April sal-31 ta' Ottubru u bejn 1900 u 0600 ħin lokali mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Marzu.

iii. Jista' jintalab roħs speċjali lill-Ajruport Internazzjonali ta' Malta plc ta' 75% tat-tariffa normali ta' nżul f'każ ta' titjira jew titjiriet magħmulin biss għal skop ta' taħriġ jew inkella ttestjar ta' persuni li jtiru u/jew tagħmir speċjali fl-ajruplan.

[1] Piż massimu ta' tlugħ

Is-16 ta' Marzu, 2004

i. Helicopters shall pay 50% of the landing fee for an aeroplane of similar weight.

ii. In the case of landing and/or take-off at night, the landing fee is increased by 25 per cent. Night shall be defined as the period between 2000 and 0500 local time from 1st April to 31st October and between 1900 and 0600 local time from 1st November to 31st March.

iii. A special rebate of 75 per cent of the standard landing fee may be applied for to Malta International Airport plc in the case of a flight or flights carried out solely for the purpose of training or testing of flying personnel and/or special equipment in the aeroplane.

[1] Maximum take-off weight

16th March, 2004

Nru. 285

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ (KAP. 441)

Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002

SKOND id-dispożizzjonijiet tar-regolament 8 tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002, is-Sezzjoni għal Liċenzar tal-Kummerċ qiegħda hawnhekk tippubblika avviżi ta' l-applikazzjonijiet li ġejjin:

No. 285

TRADING LICENCES ACT (CAP. 441)

Trading Licences Regulations 2002

IN terms of the provisions of regulation 8 of the Trading Licences Regulations 2002, the Trade Licensing Unit is hereby publishing a notice of the following applications:

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2003 Pt 80	Glen Gatt	58, Triq Ħal Qormi Ħamrun	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI - Social and personal services*	93.021	10.03.04
CD/3209/2003 Pt 481	Norman Darmanin Demajo	The Catalogue Shop 740, High Street Ħamrun	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.42 52.44 52.48.13	10.03.04
CD/3209/2003 Pt 505	Andrew Albanozzo	Action Frame Limited Factory KW23I Kordin Industrial Estate Kordin	Kategorija II - Attivitajiet tal-manifattura *Category II - Manufacturing activities*	36.4	10.03.04
CD/3209/2004 Pt 22	Jeffrey Savage	Euro Trans Shipping Services 48, Naxxar Road Birkirkara	Kategorija V - Servizzi professjonali u kummerċjali *Category V - Professional and business services*	63.4 74.87	10.03.04
CD/3209/2004 Pt 67	Jonathan Falzon	Falcar Ltd Falcar Dejma Road Fgura	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	50.3	10.03.04
CD/3209/2004 Pt 70	Anthony Camilleri	103B, Tony's Fish Shop Wied Ħal Balzan Balzan	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.23	10.03.04

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2004 Pt 87	Emanuel Micallef	M.S.M Garage Vjal il-Ħaddiem Rabat Malta	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	50.3 50.2	10.03.04
CD/3209/2004 Pt 94	Mario Muscat	Moi e Tu St Domenica Street Żabbar	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI - Social and personal services*	93.021	10.03.04
CD/3209/2004 Pt 97	Simon Camilleri	Louis Garage Triq ix-Xwieni Marsa	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	50.2	10.02.04
CD/3209/2004 Pt 103	Saviour Buttiġieġ	Fil-Mistrieħ Triq Għajn Qatet Victoria Gozo	Kategorija V - Servizzi professjonali u kummerċjali *Category V - Professional and business services*	93.03	10.03.04
CD/3209/2004 Pt 108	Raymond Mangani	Art Frames Studio 1, Triq Venerabbli Nazju Falzon Birkirkara	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.48.13	10.03.04
CD/3210/2004 Pt 3	Victoria Zammit	Ninja Grocer Triq Tumas Galea Luqa	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.11 52.21	10.03.04

Kull persuna li għandha interess, tista' tagħmel oġġezzjonijiet jew ilmenti kontra l-għoti ta' liċenza fuq kwistjonijiet ta' kummerċ biss. Kull oġġezzjoni jew ilment għandu jingħata bil-miktub lis-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ, Direttorat għas-Servizzi tal-Kummerċ, Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta, fi żmien għaxart ijiem mid-data li tidher hawn taħt.

Is-16 ta' Marzu, 2004

Any person showing an interest may file an objection or make representations against the grant of this licence only on trade issues. Such objections or representation may be filed in writing at the Trading Licences Unit, Trade Services Directorate, Commerce Division, Lascaris, Valletta, within ten days from the date shown below.

16th March, 2004

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 15

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skond l-Avviż Legali 94/97, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fiddati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fiddati u l-ħinijiet indikati.

Ir-Rabat, Malta

Nhar il-Ġimgħa, it-2 ta' April, 2004, mill-4.00 p.m. sat-8.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Pawl, San Ġużepp, Santu Wistin, is-Saqqajja (minn Bank of Valletta sar-Rio Bar), il-Kbira u Pjazza l'Isle Adam.

Nhar il-Ħadd, l-4 ta' April, 2004, mill-5.00 p.m. sad-9.00 p.m. minn Triq San Pawl u Triq San Ġużepp.

Nhar it-Tnejn, il-5 ta' April, 2004, mill-4.00 p.m. sat-8.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Pawl, San Ġużepp, Santu Wistin, is-Saqqajja (minn Bank of Valletta sa Rio Bar), il-Kbira u Pjazza l'Isle Adam.

Nhar it-Tlieta, is-6 ta' April, 2004, mill-4.00 p.m. sat-8.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Pawl, San Ġużepp, Santu Wistin, is-Saqqajja (minn Bank of Valletta sa Rio Bar), il-Kbira u Pjazza l'Isle Adam.

Nhar il-Ħamis, it-8 ta' April, 2004, mis-7.00 a.m. sa l-10.00 p.m. minn Triq San Pawl (quddiem il-Knisja Ta' Ġieżu).

Nhar il-Ġimgħa, id-9 ta' April, 2004, mis-2.00 p.m. sa l-10.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Pawl, San Ġużepp, Santu Wistin, Vjal Santu Wistin, is-Saqqajja (mill-Bieb ta' l-Imdina sa Rio Bar), il-Kbira u Pjazza l'Isle Adam.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż, jistgħu jiġu rmunkati.

Is-16 ta' Marzu, 2004

POLICE NOTICE

No. 15

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Rabat, Malta

On Friday, 2nd April, 2004, from 4.00 p.m. to 8.30 p.m., through the following streets: San Pawl, San Ġużepp, Santu Wistin, is-Saqqajja (from Bank of Valletta to Rio Bar), il-Kbira and Pjazza l'Isle Adam.

On Sunday, 4th April, 2004, from 5.00 p.m. to 9.00 p.m. through Triq San Pawl and Triq San Ġużepp.

On Monday, 5th April, 2004, from 4.00 p.m. to 8.30 p.m., through the following streets: San Pawl, San Ġużepp, Santu Wistin, is-Saqqajja (from Bank of Valletta to Rio Bar), il-Kbira and Pjazza l'Isle Adam.

On Tuesday, 6th April, 2004, from 4.00 p.m. to 8.30 p.m. through the following streets: San Pawl, San Ġużepp, Santu Wistin, is-Saqqajja (from Bank of Valletta to Rio Bar), il-Kbira and Pjazza l'Isle Adam.

On Thursday, 8th April, 2004, from 7.00 a.m. to 10.00 p.m. through Triq San Pawl (opposite Ta' Ġieżu Church).

On Friday, 9th April, 2004, from 2.00 p.m. to 10.00 p.m. through the following streets: San Pawl, San Ġużepp, Santu Wistin, Vjal Santu Wistin, is-Saqqajja (from Mdina Gate to Rio Bar), il-Kbira and Pjazza l'Isle Adam.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

16th March, 2004

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Electrocardiography (ECG) Technician* fid-Diviżjoni tas-Saħħa

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' *Electrocardiography (ECG) Technician* fid-Diviżjoni tas-Saħħa

2.1. Il-post ta' *Electrocardiography (ECG) Technician* għandu salarju ta' Lm4,508 fis-sena li jiżdied b'Lm144 fis-sena sa massimu ta' Lm5,372 (Skala 13).

2.2. Il-persuna fil-grad ta' *ECG Technician* titla' fi Skala 12 (Lm4,798 x 152 – Lm5,710) wara ħames snin servizz fil-grad jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova ta' sena, hija *full-time,* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, kif ukoll regolamenti li jkunu fis-seħħ fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-grad ta' *ECG Technician* jinkludu:

a) li tagħmel testijiet ta' l-*ECG* mingħajr superviżjoni;

b) risponsabbiltà għall-*booking* ta' pazjenti għat-*test,* għaż-żamma ta' *waiting lists* u għall-konferma ta' appuntamenti lill-pazjenti individwali bit-telefon;

ċ) xogħol dwar il-proċeduri kollha relatati ma' *monitoring* ta' *ECG* u qari tal-pressjoni ta' pazjenti li jkunu *cardiac catheterised;*

d) il-persuna magħżula tkun trid tagħmel użu mis-sistemi ta' Teknoloġija Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

Aktar dettalji dwar il-*job description* tal-post jistgħu jinkisbu mit-Taqsima ta' l-Impjegati, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

5. L-applikanti għandhom ikunu:–

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Electrocardiography (ECG) Technician in the Health Division

The Public Service Commission invites applications for the posts of Electrocardiography (ECG) Technician in the Health Division.

2.1. The post of Electrocardiography (ECG) Technician carries a salary of Lm4,508 per annum, rising by annual increments of Lm144 up to a maximum of Lm5,372 (Scale 13).

2.2. An ECG Technician will move to Scale 12 (Lm4,798 x 152 – Lm5,710) on completion of five years service in the grade and subject to satisfactory performance.

2.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

4. The duties of an ECG Technician include:-

a) carrying out ECG tests without supervision;

b) responsibility for booking of patients for test, maintaining waiting lists and confirming appointments to individual patients by telephone;

c) carrying out all procedures related to monitoring of ECG and pressure readings of cardiac catheterised patients;

d) the appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

Further details of the job description of the post may be obtained from the Personnel Section, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana.

5. Applicants must:-

a) ikunu ċittadini ta' Malta;

b) lestew b'suċċess il-kors meħtieġ organizzat mid-Diviżjoni tas-Saħħa jew mill-Istitut dwar il-Kura tas-Saħħa;

ċ) ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma impjegati tal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47);* l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel mid-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern, u jagħtu d-dettalji).

6. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond Sezzjoni 7 ta' l-Att ta' l-2000 dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eġibilità għall-post/pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post/pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkuppjata lill-KNPD.

7. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adattat għall-post.

9. Il-persuni nominati jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adattati għal dan il-post.

10. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

a) be citizens of Malta;

b) have successfully completed the pre-requisite course organised by the Health Division or by the Institute of Health Care;

c) of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); other applicants must produce a Police certificate of conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

6. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accomodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, 2000, even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post/position provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with the relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

7. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

8. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9. The selected applicant will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

10. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

11. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ħamis, it-8 ta' April, 2004.

12. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ simili ieħor sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni huwa +356 - 21 242 884).

13. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Is-16 ta' Marzu, 2004

11. The prescribed application forms will be received in the first instance by the Director General, Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, by not later than noon of Thursday, 8th April, 2004.

12. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the receiving Division is +356 - 21 242 884).

13. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven (7) days.

16th March, 2004

L-UFFIĊĊJU TAL-PRESIDENT

Riżultat ta' l-Intervista għall-*Casual Substitute Executive Officer*

L-Uffiċċju tal-President jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat għall-intervista għall-post imsemmi hawn fuq fl-Uffiċċju Amministrattiv, l-Uffiċċju tal-President, Il-Palazz, Valletta.

Is-16 ta' Marzu, 2004

OFFICE OF THE PRESIDENT

Results of Interview for Casual Substitute Executive Officer

The Office of the President notifies that the result of the interview for the above-mentioned post may be viewed at the Administration Office, Office of the President, The Palace, Valletta.

16th March, 2004

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Riżultat għall-Post ta' Uffiċjal Tekniku Anzjan fid-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp, Ministeru għal Għawdex

Id-Direttur tal-Proġetti u Żvilupp jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat għall-post imsemmi hawn fuq fin-*notice-board* tal-Ministeru għal Għawdex fi Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex u fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Is-16 ta' Marzu, 2004

MINISTRY FOR GOZO

Result for the Post of Senior Technical Officer in the Department of Projects and Development, Ministry for Gozo

The Director Projects and Development notifies that the result for the above mentioned post has been published and can be seen on the notice-board at the Ministry for Gozo, Pjazza San Franġisk, Victoria, Gozo and on the notice-board at the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

16th March, 2004

KUNSILL LOKALI MSIDA

Post ta' Segretarju Eżekuttiv

Il-Kunsill Lokali Msida jilqa' applikazzjonijiet biex timtela vakanza ta' Segretarju Eżekuttiv. L-applikanti għandhom ikunu konformi mar-Regolamenti ta' l-1998 dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani), applikabbli għall-Kunsilli Lokali (Avviż Legali Nru. 127/98) u jkunu kkunsidrati biss dawk bil-kwalifiki minimi li ġejjin:

1. Profiċjenti fil-Proċeduri ta' l-Accounts u Office Computer Applications;
2. Esperjenza jew kompetenza ta' *manager* u/jew *executiv*e;
3. Ikollhom il-kwalifiki li normalment ikunu meħtieġa biex jidħlu l-Universita' għal lawrja fil-*Business Administration* u/jew *Management*.

Dawn ir-rekwiżiti minimi ma japplikawx għal dawk il-persuni li okkupaw il-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv jew ikunu temmew b'suċċess kors għal Segretarji ta' Kunsilli Lokali prospettivi organizzati mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u kienu impjegati għal perijodu ta' żmien bħala Segretarji Amministrattivi/Eżekuttivi ma' Kunsill Lokali

L-applikazzjonijiet għal din il-vakanza jistgħu jinkisbu mill-Kunsill Lokali Msida u għandhom jaslu fl-istess indirizz mhux aktar tard minn nhar l-Erbgħa, l-24 ta' Marzu, 2004.

Permess ta' l-ETC: 32/2004.

Is-16 ta' Marzu, 2004

MSIDA LOCAL COUNCIL

Vacancy of Executive Secretary

The Msida Local Council receives application for the vacancy of Executive Secretary. Applicants are to conform with the Local Councils (Human Resources) Regulations, 1998, applicable for Local Councils (LN 127/98) and only those with the following minimum qualifications will be considered:-

1. Proficient in Accounts Procedures and Office Computer Applications;
2. Managerial and/or Executive experience or competence;
3. Possesses the qualifications which are normally required in order to read for a University degree in Business Administration and/or Management.

These minimum requirements do not apply for those persons who occupied the post of Executive Secretary or have successfully attended a course for prospective Local Council Secretaries organised by the Local Councils Department and were employed for a period of time as Administrative/Executive Secretaries with a Local Council.

Applications for this vacancy may be obtained from Msida Local Council and are to be submitted to the same addresss by not later than Wednesday, 24th March, 2004.

ETC Permit No.: 32/2004.

16th March, 2004

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Sejħa għal Sottomissjoni ta' Ktieb tal-Ġeografija

Id-Dipartiment tal-Kurrikulum fi ħdan id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni jixtieq jixtri kotba għall-istudju tal-Ġeografija fis-settur Sekondarju ta' l-iskejjel ta' l-Istat. Id-Direttur tad-Dipartiment tal-Kurrikulu qed jistieden lill-awturi, distributuri tal-kotba u dawk involuti f'dan il-qasam biex jibagħtu kopja ta' ktieb tal-Ġeografija għal skop ta' evalwazzjoni. Il-ktieb li jintbagħat għandu jkun bi prezz ikkwotat miegħu. Il-ktieb għandu jkun skond dawn il-kundizzjonijiet:

1. Ikun konformi mal-principji u linji gwida tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali.

2. Dan il-ktieb irid ikun skond is-Sillabu ta' l-eżami tal-Matsec (Ġeografija) kif maħruġ mill-*Matsec Board (Università ta' Malta).*

3. Il-ktieb irid ikollu enfasi fuq Ġeografija Fiżika u Ambjentali.

EDUCATION DIVISION

Call for Submission of Geography Textbook

The Curriculum Department intends procuring a textbooks for the teaching of Geography in the Secondary Sector of State Schools. The Director Curriculum Management in the Education Division invites authors, publishers and book distributors to submit one copy of a Geography textbook for evaluation purposes. The book submitted under this call should be accompanied by a quotation covering quantity price. The book must satisfy the following conditions:

1. Be in conformity with the principles and guidelines of the National Minimum Curriculum.

2. The book submitted must cover the syllabus for the SEC Examination as set by the *Matsec Board (University of Malta).*

3. The book should have an emphasis on Physical and Environmental Geography.

4. Il-ktieb irid ikun adattat għall-firxa ta' ħiliet li nsibu fil-klassijiet tal-Ġeografija *Options* tal-*Junior Lyceums* mill-*Forms* 3 'il fuq.

5. Il-ktieb irid ikun fih wkoll diversi strateġiji ta' tagħlim.

6. It-test irid ikun bl-Ingliż.

Il-ktieb għandu jasal sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, is-16 ta' April, 2004 lil:–

Bord dwar l-Għażla tal-Kotba
Ċentru tal-Kurrikulum,
Il-Mall,
Il-Furjana

Il-ktieb li jintbagħat jingħata lura lill-proprjetarju wara perijodu ta' żmien raġjonevoli.

Is-16 ta' Marzu, 2004

4. The book must be set to cover the skills targeted for the Geography Options groups in Junior Lyceums from Forms 3 upwards.

5. The book must also include various examples of teaching strategies.

6. The book must be in the English language

Book is to be submitted by not later than Friday, 16th April, 2004 to:–

The Textbook Selection Board,
Curriculum Centre,
The Mall,
Floriana

The book submitted will be returned to the supplier/s after a reasonable review period.

16th March, 2004

KUNSILL LOKALI GĦARGĦUR

Laqgħa Annwali tal-Lokalità

Skond l-artikolu 70 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali (Att Nru. XV ta' l-1993), se ssir laqgħa annwali tal-lokalità nhar il-Ħadd, il-21 ta' Marzu, 2004 fis-Sala tal-Komunità, Triq San Nikola, Ħal Għargħur, fl-10.30 a.m.

Ir-residenti ta' Ħal Għargħur huma mħeġġa biex jattendu.

Is-16 ta' Marzu, 2004

GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

Annual Locality Meeting

In accordance with section 70 of the Local Councils Act (Act No. XV of 1993), an annual locality meeting will be held on Sunday, 21st March, 2004 at the Community Hall, Triq San Nikola, Għargħur at 10.30 a.m.

All the residents of Għargħur are invited to attend.

16th March, 2004

KUNSILL LOKALI GŻIRA

Laqgħa Annwali tal-Lokalità

Skond l-artikolu 70(1) ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali (Att Nru. XV ta' l-1993), se ssir laqgħa annwali tal-lokalità nhar l-Erbgħa, is-17 ta' Marzu, 2004 fis-Sala tal-Komunità, 283/1, Triq D'Argens, il-Gżira, fis-7.00 p.m.

Dawk ir-residenti li isimhom jidher fir-Reġistru Elettorali tal-Kunsill Lokali Gżira huma mħeġġa jattendu u jressqu l-kummenti tagħhom.

Is-16 ta' Marzu, 2004

GŻIRA LOCAL COUNCIL

Annual Locality Meeting

In accordance with section 70(1) of the Local Councils Act (Act No. XV of 1993), an annual locality meeting will be held on Wednesday, 17th March, 2004 at the Community Hall, 283/1, Triq D'Argens, Gżira, at 7.00 p.m.

Those residents whose names appear in the Gżira Local Council's Electoral Register are invited to attend and put forward their comments.

16th March, 2004

KUNSILL LOKALI ATTARD

Laqgħa Pubblika tal-Lokalità

Skond l-artikolu 70(1) ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali (Att Nru. XV ta' l-1993), se ssir laqgħa pubblika tal-lokalità għall-2004/05 nhar il-Ħamis, il-25 ta' Marzu, 2004 fl-uffiċċji tal-Kunsill fis-6.30 p.m.

Is-16 ta' Marzu, 2004

ATTARD LOCAL COUNCIL

Annual Public Meeting

In accordance with section 70 (1) of the Local Councils Act (Act No. XV of 1993), an annual public meeting for 2004/05 will be held on Thursday, 25th March, 2004 at the Council's offices at 6.30 p.m.

16th March, 2004

KUNSILL LOKALI GUDJA

Laqgħa Annwali tal-Lokalità

Skond l-artikolu 70 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali (Att Nru. XV ta' l-1993), se ssir laqgħa pubblika annwali għar-residenti tal-Gudja li isimhom jidher fuq ir-reġistru elettorali tal-Kunsill Lokali, nhar il-Ħamis, il-25 ta' Marzu, 2004, fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali, 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja, fis-7.30 p.m.

Is-16 ta' Marzu, 2004

GUDJA LOCAL COUNCIL

Annual Locality Meeting

In accordance with section 70 of the Local Councils Act (Act No. XV of 1993), an annual public meeting for Gudja residents whose names appear on the Local Council's electoral register, will be held on Thursday, 25th March, 2004 at the Local Council's office, 88, Triq Raymond Caruana, Gudja, at 7.30 p.m.

16th March, 2004

KUNSILL LOKALI SAN LAWRENZ

Laqgħa Annwali tal-Lokalità

Skond l-artikolu 70(1) ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali (Att Nru. XV ta' l-1993), se ssir laqgħa annwali tal-lokalità nhar it-Tlieta, it-23 ta' Marzu, 2004 fis-Sala ta' l-Iskola Primarja, Dun Salv Portelli, San Lawrenz, fis-6.30 p.m.

Dawk kollha li isimhom jidher fir-Reġistru Elettorali huma mħeġġa sabiex jattendu.

F'din il-laqgħa tal-Kunsill se jiġu diskussi l-Estimi Finanzjari u proġetti għas-sena finanzjarja 2004/2005.

Il-pubbliku ġenerali se jingħata l-opportunità li jressaq l-ilmenti u s-suġġerimenti tiegħu.

Is-16 ta' Marzu, 2004

SAN LAWRENZ LOCAL COUNCIL

Annual Locality Meeting

In accordance with section 70(1) of the Local Councils Act (Act No. XV of 1993), an annual locality meeting will be held on Tuesday, 23rd March, 2004 at the Hall of Dun Salv Portelli Primary School, San Lawrenz, at 6.30 p.m.

All San Lawrenz residents appearing on the Electoral Register are urged to attend.

During the meeting the Council will be discussing the Financial Estimates and projects for the financial year 2004/2005.

The general public is going to be given the opportunity to forward their complaints and suggestions.

16th March, 2004

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI
(A.L. 153 TA' L-1994)

Kumitat Eżekuttiv ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali

Il-Kummissjoni Elettorali mwaqqfa skond l-Artikolu 60 tal-Kostituzzjoni b'dan tgħarraf li, bis-saħħa tar-Regolamenti ta' l-1994 dwar l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, se ssir elezzjoni għal sitt membri tal-Kumitat Eżekuttiv ta' l-imsemmija Assoċjazzjoni minn fost il-Kunsillieri, nhar is-Sibt, l-10 ta' April, 2004.

C. L. De GABRIELE
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant' Jiermu,
Il-Belt Valletta.

Is-16 ta' Marzu, 2004

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993
(L.N. 153 of 1994)

Executive Committee of the Association of Local Councils

The Electoral Commission established in terms of Section 60 of the Constitution hereby notifies that in exercise of the Local Councils' Association Regulations, 1994, an election is being held for six members of the Executive Committee of the said Association from amongst Councillors, on Saturday, 10th April, 2004.

C. L. De GABRIELE
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

16th March, 2004

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI
(A.L. 153 TA' L-1994)

Kumitat Eżekuttiv ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali

Il-Kummissjonarji Elettorali b'dan javżaw illi skond ir-Regolament 5(1) tar-Regolamenti ta' l-1994 dwar l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, huma jkunu fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali, Evans Building, Misraħ Sant'Jiermu, il-Belt Valletta, u fl-Uffiċċju Elettorali, Sezzjoni tal-Karta ta' l-Identità, Triq ir-Repubblika, ir-Rabat, Għawdex, biex jirċievu n-nomini ta' kandidati għall-elezzjoni bħala membri tal-Kumitat Eżekuttiv ta' l-imsemmija Assoċjazzjoni nhar it-Tnejn it-22, it-Tlieta t-23 u l-Erbgħa l-24 ta' Marzu, 2004 bejn id-9.00 a.m. u nofsinhar.

Skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament 6(1) tar-Regolamenti ta' l-1994 dwar l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, ser jiġu eletti sitt membri tal-Kumitat Eżekuttiv kif jidher hawn taħt:–

Lista Ġenerali –	tliet membri
Lista Reġjonali Malta Xlokk –	membru wieħed
Lista Reġjonali Malta Majjistral –	membru wieħed
Lista Reġjonali Għawdex –	membru wieħed

Kunsillier jista' jikkontesta għal-Lista Ġenerali jew għal dik Reġjonali biss. F'każ li Kunsillier jagħżel li jikkontesta għal-Lista Reġjonali l-Kunsillier ikun irid jippreżenta n-nomina tiegħu lill-Kummissjoni Elettorali għal dak ir-reġjun speċifiku li għalih tkun tappartjeni l-lokalità ta' dak il-Kunsillier.

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993
(L.N. 153 of 1994)

Executive Committee of the Association of Local Councils

The Electoral Commissioners hereby give notice, in terms of Regulation 5(1) of the Local Councils' Association Regulations, 1994, that they will be in attendance at the Office of the Electoral Commission, Evans Building, St Elmo Square, Valletta, and at the Electoral Office, Identity Card Section, Republic Street, Rabat, Gozo, to receive nominations of candidates for election as members of the Executive Committee of the said Association on Monday, 22nd, Tuesday, 23rd and Wednesday, 24th March, 2004 from 9.00 a.m. to noon.

In accordance with the provisions of Regulation 6(1) of the Local Councils' Association Regulations, 1994, six members of the Executive Committee shall be elected as shown hereunder:–

General List –	three members
Regional List Malta Xlokk –	one member
Regional List Malta Majjistral –	one member
Regional List Gozo –	one member

A Councillor may only contest the General List or the Regional List. If a Councillor opts to contest the Regional List the Councillor must present his nomination to the Electoral Commission for that specific region to which the Councillor's locality appartains.

Il-Kummissjonarji Elettorali javżaw ukoll illi kandidati li sejrin jikkontestaw l-elezzjoni imsemmija hawn fuq jew il-partit li miegħu jkunu jagħmlu, jistgħu jissupplixxu kull *badge* jew distintiv approvat mill-Kummissjoni, biex jiġi stampat quddiem isem il-kandidati fuq il-poloz tal-votazzjoni. *Artwork* ta' l-imsemmija *badge* jew distintiv għandu jingħata lill-Kummissjoni Elettorali matul il-jiem stabbiliti għan-nomini ta' kandidati.

C. L. De GABRIELE
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant' Jiermu,
Il-Belt Valletta.

Is-16 ta' Marzu, 2004

The Electoral Commissioners further notify that candidates contesting the abovementioned election or the party to which the candidates belong, may supply any badge or device approved by the Commission, to be printed opposite the candidates' name on the ballot paper. An artwork of the said badge or device must be submitted to the Electoral Commission during the days established for nominations of candidates.

C. L. De GABRIELE
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

16th March, 2004

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI
(A.L. 153 TA' L-1994)

Kumitat Eżekuttiv ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali

Skond ir-Regolamenti 6(6) tar-Regolamenti ta' l-1994 dwar l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, il-Kummissjonarji Elettorali b'dan javżaw illi l-votazzjoni dwar l-Elezzjoni li ġejja ta' sitt membri tal-Kumitat Eżekuttiv ta' l-imsemmija Assoċjazzjoni, għandha ssir is-Sibt, l-10 ta' April, 2004, fl-uffiċċji amministrattivi tal-Kunsilli Lokali u li l-ħin tal-votazzjoni jkun bejn it-8.00 a.m. u l-11.00 a.m.

Il-Kummissjonarji Elettorali javżaw ukoll li, skond ir-Regolament 6(9) ta' l-imsemmija Regolamenti, l-għadd tal-voti ser isir fis-Sala għall-Għadd tal-Voti, Evans Building, Misraħ Sant'Jiermu, il-Belt, Valletta, hekk kif ikunu ġew depożitati għand il-Kummissjoni Elettorali l-*envelopes* siġillati kollha li jkun fihom il-poloz tal-votazzjoni tal-Kunsillieri li jkunu vvotaw.

C. L. De GABRIELE
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant' Jiermu,
Il-Belt Valletta.

Is-16 ta' Marzu, 2004

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993
(L.N. 153 of 1994)

Executive Committee of the Association of Local Councils

In accordance with Regulation 6(6) of the Local Councils' Association Regulations, 1994, the Electoral Commissioners hereby give notice that the poll in connection with the forthcoming Election of six members of the Executive Committee of the said Association shall take place on Saturday, 10th April, 2004, in the administrative offices of the Local Councils and that polling shall be held between 8.00 a.m. and 11.00 a.m.

The Electoral Commissioners further notify that, in terms of Regulation 6(9) of the said Regulations, the counting of votes shall take place at the Counting Hall, Evans Building, St Elmo Square, Valletta, as soon as all sealed envelopes, containing the ballot papers of Councillors who cast their vote, have been deposited with the Electoral Commission.

C. L. De GABRIELE
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

16th March, 2004

ATT TA' L-1991 DWAR
L-ELEZZJONIJIET ĠENERALI

ATT NRU. XXI TA' L-1991

Avviż

